MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2022

Rikors Kostituzzjonali Numru 151/2020 LM

**Angelo Zahra (K.I. 751849M)**

**vs.**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fis-6 t'Awwissu, 2020 mir-rikorrent **Angelo Zahra (K.I. 751849M)** fejn issottometta dan li ġej:

> *Illi r-rikorrent tressaq b'arrest fil-21 ta' Lulju, tas-sena 2001 akkużat talli, f'dawn il-Gżejjer, fis-16 ta' Lulju, 2011, u fl-aħħar xhur qabel dik id-data, assoċja ruħhu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħu jew jittraffikaw mediċina (kokaina) f'dawn il-Gżejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew li jippromwovu, jikkostitwixxu, jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assoċjazzjoni.*

*Illi l-Avukat Ġenerali kien ordna li r-rikorrent jiġi pproċessat quddiem il-Qorti Kriminali u għalhekk ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-vesti tagħha ta' Qorti Istruttorja.*

*Illi l-kumpilazzjoni fil-konfront tal-bqija tal-akkużati, u ċioe fil-proċeduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Publius Micallef et', kellha tibda mill-ġdid minħabba difett fil-proċedura.*

*Illi fis-sena 2014, l-Avukat Ġenerali talab is-separazzjoni tal-ġudizzju fil-proċeduri 'Il-Pulizija vs Publius Micallef et' fejn il-proċeduri fil-konfront ta' Jason Manuel Briffa bdew jinstemgħu separatament.*

*Illi sussegwentement l-Avukat Ġenerali ddeċieda li joħroġ kontro-ordni fil-konfront tal-kawża 'Il-Pulizija vs Publius Micallef et' fejn iddeċieda li l-kawża tiġi deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.*

*Illi peress li ma nħareġ l-ebda kontro-ordni in kwantu jirrigwarda l-ko-imputat Jason Briffa, il-proċeduri fil-konfront tiegħu baqgħu mixjin bil-proċedura tal-Istruttorja.*

*Illi l-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Publius Micallef et' ġiet deċiża mill-Onorevoli Imħallef Antonio Micallef Trigona nhar is-26 ta' Lulju, 2017 fejn Saviour Azzopardi, Sandro Psaila, Publius Micallef u Raymond Bonello lkoll ġew illiberati.*

*Illi sussegwentement ġie intavolat appell mill-Avukat Ġenerali fil-konfront ta' Publius Micallef u Raymond Bonello, iżda l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat il-liberazzjoni ta' dawn tal-aħħar nhar it-28 ta' Frar, 2018.*

*Illi wara tali konferma tal-liberazzjoni, kif ampjament spjegat fix-xhieda tal-Ispettur Frank Tabone, Saviour Azzopardi, Sandro Psaila, Publius Micallef u Raymond Bonello lkoll xehdu fil-proċeduri 'Il-Pulizija vs Angelo Zahra'. Jason Manuel Briffa ukoll ġie mħarrek biex jixhed iżda nhar is-17 ta' Jannar, 2019 iddikjara li ma kienx ser jixhed għaliex il-proċeduri fil-konfront tiegħu kienu għadhom pendenti.*

*Illi għalhekk f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali deherlu illi l-proċess ta' Angelo Zahra kellu jistenna l-eżitu tal-proċeduri l-oħra kollha hawn fuq imsemmija.*

*Illi fis-sena 2019 ir-rikorrent intavola talba għal referenza kostituzzjonali minħabba d-dewmien taż-żmien esaġerat li l-prosekuzzjoni kienet qiegħda tieħu sabiex tagħlaq il-provi tagħha, liema talba ġiet milqugħa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ippreseduta mill-Maġistrat Dr Neville Camilleri.*

*Illi r-rikorrent deher quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) preseduta mill-Onorevoli Imħallef Mark Chetcuti b'konsegwenza ta' tali referenza.*

*Illi b'sentenza tal-___ il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) iddisponiet mir-referenza magħmula billi ddikjarat illi l-proċeduri kontra Angelo Zahra li kien ilhom pendenti minn Lulju 2001, huma leżivi tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi*

*żmien raġonevoli sanċit bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ordnat li l-atti jiġu rimessi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja sabiex jitkompla l-prosegwiment tal-proċeduri quddiem dik il-Qorti, kif ukoll issolleċitat lill-Prosekuzzjoni biex tikkonkludi l-provi tagħha.*

*Illi l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent ġew finalment magħluqa permezz ta' sentenza mogħtija nhar il-25 ta' Ġunju, 2020, fejn ir-rikorrent ġie illiberat minn kull akkuża.*

*Illi bilkemm hemm għalfejn jingħad illi t-trapass ta' dsatax-il sena sabiex jingħalqu l-proċeduri penali huwa terminu assurd li jimmerita ferm iktar minn ċensura. Ir-rikorrent jirrileva li r-raġunijiet għal dan id-dewmien ma huma bl-ebda mod attribwibbli lilu u huma prinċipalment il-konsegwenza ta' tliet fatturi:*

*i. Il-ħruq tal-awla u s-sigrieta tal-Maġistrat istruttur għall-ħabta tas-sena 2005 jew 2006 bil-konsegwenti ħruq tal-atti tal-istruttorja u l-eventwali bżonn ta' rikostruzzjoni tagħhom;*

*ii. L-impossibilità tal-prosekuzzjoni li jipproduċu provi fil-konfront tar-rikorrent minħabba r-regoli tal-evidenza fil-kamp penali;*

*iii. In-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tieħu deċiżjoni tempestiva dwar kif kellhom u għandhom jimxu 'l quddiem kawżi konnessi sabiex l-ostakoli msemmija fil-punt (ii) jiġu sorvolati.*

*Illi inoltre, fil-ġurnata tal-preżentata bl-arrest tar-rikorrent, u ċioe fil-21 ta' Lulju tas-sena 2001, fuq talba tal-Pulizija Eżekuttiva msemmija fl-imputazzjonijiet, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ordnat li jiġu sekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà immobbli kollha li kienu dovuti lil/jew imissu lir-rikorrent, jew li kienu proprjetà tiegħu, u pprojbiet lir-rikorrent milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn kull proprjetà mobbli jew immobbli kif provdut fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (vide Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Lulju, 2001 – Avviż tal-Qorti numru 1175).*

*Illi r-rikorrent kien negozjant u direttur ta' żewġ soċjetajiet, Angcar Co. Ltd. u Stratford Co. Ltd. Bis-soċjetà Angcar Co. Ltd. ir-rikorent jinnegozja fil-proprjetà. Meta fil-21 ta' Lulju tas-sena 2001 il-Qorti tal-Maġistrati ordnat li jiġu sekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li kienu dovuti lil/imissu lir-rikorrent, jew li kienu proprjetà tiegħu u pprojbiet lir-rikorrent milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn kull proprjetà mobbli jew immobbli, dan in-negozju tar-rikorrent tkisser u illum – 'il fuq minn dsatax-il sena wara – għadu ma jistax jirkupra mill-ħsara enormi li għamlet l-ordni msemmija. Biżżejjed jingħad li fil-mori ta' dawn il-proċeduri, minħabba inadempjenza tiegħu fl-obbligi mal-bank, konsegwenza ta' din*

*l-ordni, huwa anke tilef xi proprjetajiet li kienu tiegħu u saħansitra safa inkarċerat b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali minħabba l-qagħda finanzjarja tiegħu li wasslet għal sitwazzjoni fejn naqas milli jħallas it-taxxa fuq il-valur miżjud.*

*Illi r-rikorrent, li qabel il-proċeduri kriminali ma kienx salarjat in kwantu kien jinnegozja personalment fil-proprjetà, lanqas ma seta' jbiddel l-istatus tiegħu fis-soċjetà sabiex 'jibbenefika' mill-ammont bl-akbar rispett assurd ta' sitt elef liri Maltin (LM6,000) fis-sena, illum konvertiti fi ftit anqas minn erbatax-il elf euro (€14,000). Dan l-ammont, li suppost għandu jiggarantixxi 'għajxien diċenti', ġie stabbilit bl-Att VIII tal-1986 u qatt ma ġie rivedut. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li r-rikorrent sab diffikultajiet kbar sabiex ikompli bin-negozju tiegħu u fuq kollox bil-ħajja tiegħu.*

*Illi għalkemm il-liġi tagħti l-fakultà li f'każijiet bħal dawn il-persuna milquta b'ordni ta' iffriżar titlob lill-Qorti għal derogi mis-sekwestru, tali derogi jiġu aċċettati f'każijiet eċċezzjonali u b'ħafna qtigħ il-qalb. Persuna ma tistax tinnegozja fil-proprjetà meta ma tkunx taf jekk huwiex ser ikun hemm il-permess tal-Qorti sabiex tittrasferixxi jew xort'oħra tiddisponi minn kull proprjetà mobbli jew immobbli. Ir-rikorrent għadda u għadu għaddej minn diffikultajiet enormi li ser jiġu eventwalment spjegati lil din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi inoltre r-rikorrent, għal dsatax-il sena sħaħ kien suġġett għall-kundizzjoni tal-ħelsien mill-arrest, kellu jiffirma ġewwa l-għassa tal-Pulizija darba fil-ġimgħa kif ukoll kellu jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kull darba li xtaq isiefer.*

*Illi jingħad ukoll li meta ġie akkużat u interrogat, id-dritt tar-rikorrent li jiġi interrogat fil-preżenza ta' avukat ġie leż.*

*Illi, għar-raġunijiet premessi, id-dritt fundamentali tar-rikorrent li jingħata smigħ xieraq fi żmien raġonevoli hekk kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ġie ukoll leż.*

*Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li t-trapass taż-żmien li l-proċeduri istitwiti kontra r-rikorrent fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Angelo Zahra', li ġew deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-25 ta' Ġunju, 2020, ħadu biex ikunu magħluqa u ċioe trapass ta' dsatax-il sena, kien wieħed li jmur kontra l-prinċipju ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
2. *Tiddikjara illi ġie leż ukoll id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq u dan stante li r-rikorrent ma ngħatax id-dritt li jiġi interrogat fil-preżenza ta' avukat;*

3. *Tindirizza dawn in-nuqqasijiet u ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem b'kumpens ġust u dan taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat."*

2. Rat ir-Risposta tal-intimat **Avukat Ġenerali** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Avukat Ġenerali'], li ġiet ippreżentata fil-11 t'Awwissu, 2020, li biha eċċepixxa:

*Illi l-kawża odjerna tirrigwarda jekk ir-rikorrent ġarrabx leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minħabba dewmien irraġonevoli fil-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Angelo Zahra" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-25 ta' Ġunju, 2020.*

1. *Illi preliminarjament peress li l-lanjanza tar-rikorrenti hija mibnija fuq allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq naxxenti minn dewmien tal-proċeduri, l-esponenti jirrilevaw li r-rikorrent kien diġà talab referenza kostituzzjonali dwar din il-kwistjoni fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Angelo Zahra' (numru 35/2019MCH) liema kawża hija llum* res judicata *u r-rikorrent għalhekk ma jistax jerġa' jipproponi l-istess ilment quddiem din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu huwa paċifiku kif konstatat anke mill-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li prinċipalment għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess eċċediex il-parametri tas-smigħ fi żmien raġonevoli huma l-komplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorità jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-każ l-aġir ta' awtorità ġudizzjarja. Għalhekk, skont il-ġurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropea, sabiex Qorti tasal għal konklużjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, il-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun eżaminata fl-assjem tagħha u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura.*

3. *Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas lampanti mill-partijiet involuti li wassal għal dewmien biex il-kawża tinstema' fi żmien raġjonevoli u wisq inqas ma kien hemm nuqqas mill-esponenti.*

4. *Illi hu aċċettat illi ma hemm l-ebda* 'time-limit' *li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġustizzja jiġu preġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta.*

5. *Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju li t-talba tar-rikorrenti jrid jiġi ppruvat illi mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien huwa wieħed kapriċċuż u intiż biex jiżvantaġġahom fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom skont il-liġi.*

6. *Illi finalment sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessività tiegħu u fil-każ odjern l-esponent jeċċepixxi li mill-assjem tal-provi kriminali in diżamina għalkemm il-każ qed jieħu numru ta' snin ma kienx hemm dewmien irraġjonevoli.*

7. *Illi dwar l-iffriżar tal-assi pendenti l-kawża kriminali jingħad li din hija miżura tassattiva u temporanja maħruġa skont il-liġi. L-iffriżar tal-assi jsir fl-interess ġenerali sabiex min jagħmel il-ġid minn reat kriminali ma jiħux benefiċċju minn tali attività illeċita. L-ordni ta' iffriżar tibqa' fis-seħħ sakemm ikun hemm deċiżjoni ikkunsidrata bħala* res judicata.

8. *Illi dwar l-istqarrija li ngħatat mingħajr l-assistenza legali jingħad li l-fatt li r-rikorrent ġie lliberat mill-akkużi miġjuba kontrih hija prova fiha nnifisha li l-istqarrija ma kellha l-ebda impatt fuq l-eżitu tal-kawża kriminali.*

9. *Illi l-allegazzjonijiet li jagħmel ir-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt.*

10. *Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess u għall-ġieħ tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien hemm xi dewmien irraġonevoli u allura tqis li għandha tagħti xi forma ta' rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju għandu jkun biss ta' kumpens bħala danni morali u mhux ta' danni materjali.*

11. *Illi għalhekk m'hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.*

12. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

13. *Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Lulju, 2021, fejn il-partijiet ingħataw l-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet, u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Provi u riżultanzi**

3. Permezz ta' nota ppreżentata fit-3 ta' Marzu, 2021[1], ir-rikorrent ippreżenta l-*affidavit* tiegħu, flimkien ma' kopja tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta' Ġunju, 2019 fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Angelo Zahra, l-Avukat Ġenerali**.[2] Fl-*affidavit* tiegħu[3], ir-rikorrent spjega li huwa kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati b'arrest fil-21 ta' Lulju, 2001, u għal tmintax-il sena sħaħ minkejja li huwa kien jidher quddiem il-Qorti kull darba li kien jintalab jagħmel dan, qatt ma kien jiġri xejn sostanzjali fil-kawża kontra tiegħu, għajr għall-fatt li fil-bidu kienu jittellgħu xi xhieda tal-Prosekuzzjoni. Qal ukoll li tul is-snin inbidlu diversi Maġistrati, il-*file* tiegħu safa maħruq wara ħruq fis-sigrieta tal-Maġistrat li kien qiegħed jisma' l-kawża tiegħu, iżda huwa kien għadu ma ngħata l-ebda opportunità sabiex jibda jressaq il-provi tiegħu ħalli jibda jiddefendi lilu nnifsu. Ir-rikorrent qal li s-sitwazzjoni kienet tali li huwa qatta' żewġ terzi minn ħajtu tiela' u nieżel il-Qorti prattikament għalxejn, u kien għalhekk li huwa talab lill-avukat difensur tiegħu jibda proċeduri kostituzzjonali bl-intiża li l-Prosekuzzjoni tibda tagħlaq il-każ tagħha. Qal li fis-27 ta' Ġunju, 2019 kienet ingħatat deċiżjoni

[1] *A fol.* 23 tal-proċess.
[2] *A fol.* 27 tal-proċess.
[3] *A fol.* 24 tal-proċess.

mir-referenza kostituzzjonali li saret, li kienet tgħid li huma ma ngħatax smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, u għalhekk il-Qorti ordnat lill-Prosekuzzjoni tagħlaq il-każ tagħha. Ir-rikorrent qal illi kien permezz ta' dik id-deċiżjoni li l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu ħadu spinta, u konsegwentement madwar sena wara l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu ntemmu, u hu inħeles minn kull akkuża. Qal ukoll li huwa ma setax jifhem għal liema raġuni huwa kellu jinkorri aktar spejjeż u jiftaħ proċeduri kostituzzjonali sabiex il-Prosekuzzjoni tkun tista' tagħlaq il-każ tagħha, għalkemm żied jgħid li huwa ħa dak il-pass għaliex ma felaħx jistenna aktar li xi darba l-każ tiegħu jiġi konkluż. Ir-rikorrent qal li wara dsatax-il sena minn meta ġie arrestat u akkużat, huwa għadu ma jistax jirkupra mill-ħsara enormi li sofra minħabba t-tul li ħadu l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu. Qal li huwa kellu ordni ta' iffriżar li damet fuq rasu għal dsatax-il sena sħaħ, u din ħalliet impatt enormi fuq ħajtu minħabba li laqtet l-obbligi li huwa kellu mal-banek u spiċċa anki tilef proprjetà li kellu. Ir-rikorrent qal li għal xi żmien huwa waqa' lura fil-ħlasijiet tal-VAT u għalhekk qatta' xi żmien inkarċerat. Qal li meta persuna tkun fin-negozju, din ma tistax tiġi mxekkla milli taħdem b'dan il-mod u għal tul ta' żmien, u huwa spiċċa joqgħod lura minn ċerti deċiżjonijiet fin-negozju minħabba li ma kienx jaf jekk il-Qorti kinitx sejra tawtorizzah jagħmel ċertu xogħol jew le. Qal li kien hemm istanzi fejn huwa safa mċanfar mill-Qorti għaliex iffirma konvenji, anki fejn dawn il-konvenji ġew iffirmati bil-kundizzjoni li huwa jiġi awtorizzat jaddivjeni għall-bejgħ mill-Qorti. Spjega li fix-xogħol tiegħu kull meta tinqala' opportunità trid taħtafha malajr u mhux toqgħod tistenna, u huwa għalhekk li kien jiffirma l-konvenji suġġetti għall-għoti tal-awtorizzazzjoni mill-Qorti. Ir-rikorrent qal li tul is-snin huwa kien jagħmel rikorsi fejn kien jitlob awtorizzazzjoni sabiex ikun jista' jbiegħ il-proprjetà, u għalkemm dawn ġew milqugħa, huwa kien jiġi ordnat jiddepożita r-rikavat taħt l-awtorità tal-Qorti sabiex dan ikun jista' jiġi ssekwestrat. Ir-

rikorrent spjega li huwa jaħdem fin-negozju tal-bini u għalhekk ikollu bżonn ibiegħ biex ikun jista' jerġa' jixtri u biex ikun jista' jgħajjex lilu nnifsu, xi ħaġa li huwa safa mxekkel milli jagħmel għal dawn is-snin kollha. Qal ukoll li l-fatt li għal kull pass li jagħmel ried l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, fisser li n-negozju tiegħu kien fi stat ta' inċertezza, minħabba li kull darba li ppreżenta rikors huwa ma kienx ikun jaf jekk dan hux ser jintlaqa' jew le. Żied jgħid li kien hemm drabi fejn huwa talab estensjoni fuq konvenji li kien iffirma, u kien hemm drabi meta huwa kellu anki jħallas danni għaliex kien hemm min approfitta ruħhu mis-sitwazzjoni tiegħu. Ir-rikorrent qal li l-impatt li ħallew fuqu dsatax-il sena tiela' u nieżel il-Qorti ma ħallewx biss impatt finanzjarju fuqu, iżda anki impatt psikoloġiku. Qal li huwa kien negozjant b'reputazzjoni 'impekkabbli' u b'ħajja komda finanzjarjament, iżda spiċċa persuna mingħajr ebda dinjità, b'idejh marbuta kompletament meta jiġi biex jagħmel in-negozju, u l-impatt finanzjarju fuqu fisser li huwa kellu jadatta wkoll għal stil ta' ħajja kompletament differenti minn dak li kien imdorri bih, għaliex għal dsatax-il sena sħaħ kellu jgħajjex familja b'erbatax-il elf Euro (€14,000) fis-sena. Qal li anki meta kellu bżonn jagħmel intervent kirurġiku, huwa sab ruħhu f'diffikultajiet finanzjarji biex jagħmlu. Qal ukoll li għal xi żmien huwa spiċċa inkarċerat għaliex ma setax iħallas il-VAT. Qal li għal dsatax-il sena huwa kellu mhux biss jidher il-Qorti kull darba li kien imsejjaħ, iżda kien ukoll marbut bil-kundizzjonijiet tal-arrest, bħal per eżempju kull darba li ried isiefer kellu bżonn l-awtorizzazzjoni tal-Qorti u darba fil-ġimgħa kellu wkoll imur jiffirma fl-għassa tad-distrett. Qal li meta ġie arrestat huwa kellu wieħed u ħamsin (51) sena, u dak iż-żmien huwa kien fl-aqwa tiegħu bin-negozju, filwaqt li issa għandu sebgħin (70) sena u għadu qiegħed jipprova jirkupra minn dak kollu li għadda minnu kemm finanzjarjament kif ukoll mentalment.

4. L-**Ispettur Ryan Micallef** xehed[4] li huwa kien jifforma parti mid-*Drug Squad,* u minkejja li ma kienx hu li beda jinvestiga l-każ fil-konfront tar-rikorrent, maż-żmien il-każ għadda għandu. Qal li oriġinarjament quddiem il-Qorti kienu tressqu madwar għaxar persuni b'arrest, u uħud minnhom kienu ġew liberati mill-akkużi kontrihom.

5. **Denise Frendo**, is-sieħba tar-rikorrent, fl-*affidavit* tagħha qalet li hija ilha taf lir-rikorrent għal madwar wieħed u tletin (31) sena, li minnhom għexet miegħu għal erbgħa u għoxrin (24) sena. Ix-xhud spjegat li r-rikorrent ibati minn kundizzjoni rari (*Histiocytosis X*), marda serja li f'Malta m'hawnx kura għaliha, u għalhekk ir-rikorrent ikollu bżonn isiefer diversi drabi sabiex jieħu l-kura li għandu bżonn barra minn Malta. Qalet li d-dewmien fil-proċeduri kriminali ħallew impatt psikoloġiku fuq ir-rikorrent anki minħabba li huwa diġà kien għaddej minn żmien diffiċli sabiex jikkumbatti l-marda. Qalet li tul id-dsatax-il sena li ilhom għaddejjin il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent, huwa sofra diversi tbatijiet, fosthom għaliex xtaq ibiegħ proprjetà li ġiet akkwistata minnu qabel l-akkużi li ffaċċja fl-2001, anki sabiex seta' jiffinanzja l-kura medika li kellu bżonn. Ix-xhud qalet li l-mod kif is-sistema ħadmet fil-konfront tar-rikorrent, fissret li dan spiċċa b'idejh marbutin, b'limitazzjoni ta' flus disponibbli, u bl-intavolar ta' diversi rikorsi sabiex seta' jgħix ħajtu. Qalet li kemm damu għaddejjin il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent, inbidlu erba' maġistrati, sakemm eventwalment b'deċiżjoni tat-28 ta' Ottubru, 2015, ġie deċiż li r-rikavat mill-bejgħ ta' proprjetà partikolari kellu jiġi ddepożitat taħt l-awtorità tal-Qorti sabiex jitħallsu ammonti lil diversi persuni f'ċifri fissi. Ix-xhud qalet li fiż-żmien li ngħatat din is-sentenza r-rikorrent kellu bżonn jagħmel

---

[4] *A fol.* 42A tal-proċess.

intervent kirurġiku fi sptar privat għaliex il-kirurgu li kien ser joperah ma kienx iservi l-Isptar Mater Dei, imma b'konsegwenza tal-imsemmija sentenza din l-operazzjoni ma setgħetx issir. Qalet li hekk kif il-mezzi tax-xandir bdew jirrappurtaw isem ir-rikorrent u jassoċjawh mat-traffikar tad-droga, il-bank għamel *call-in* fuq waħda mill-kumpanniji tar-rikorrent, u fl-2001 l-istess bank beda proċeduri għall-bejgħ bis-subbasta tal-proprjetajiet ta' din il-kumpannija. Ix-xhud spjegat kif konsegwenza tal-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent, dan spiċċa tilef il-proprjetà kollha li kellu, u saħansitra waqa' lura fil-ħlasijiet tal-VAT, bil-konsegwenza li għal xi żmien kien inkarċerat. Qalet ukoll li minħabba f'dan kollu r-rikorrent spiċċa joqgħod lura milli jieħu ċerti deċiżjonijiet tan-negozju, għaliex qabel kull pass li jieħu kellu jikseb il-permess tal-Qorti. Ix-xhud qalet li kien hemm drabi fejn ir-rikorsi tar-rikorrent ġew miċħuda, u drabi oħra fejn ir-rikorrent ġie mċanfar mill-Qorti minħabba li kien iffirma konvenju suġġett għall-kundizzjoni li jottjeni l-awtorizzazzjoni tal-Qorti qabel jaddivjeni għall-bejgħ. Ix-xhud spjegat li r-rikorrent tilef dsatax-il sena minn ħajtu fejn flok kompla bin-negozju tiegħu, u spiċċa f'sitwazzjoni fejn ma setax ibiegħ biex jerġa' jixtri l-proprjetà għaliex ir-rikavat mill-bejgħ kellu jiġi ddepożitat taħt l-awtorità tal-Qorti, u għalhekk l-attività tiegħu sfat limitata. Qalet li anki l-wirt tal-ġenituri tar-rikorrent ġie ffriżat. Ix-xhud qalet li l-akkużi li ġie akkużat bihom ir-rikorrent fissru li għal diversi snin kien hemm diversi negozjanti li warrbuh, filwaqt li uliedhom kellhom għal dawn is-snin kollha iġorru l-istigma li missierhom huwa traffikant tad-droga. Ix-xhud qalet li hi u r-rikorrent ma jistgħux ma jaħsbux ħajjithom kemm kienet tkun differenti li kieku l-proċeduri kriminali ma damux għaddejjin dsatax-il sena, u qalet illi r-rikorrent ma kienx jispiċċa jeħel il-ħabs minħabba li ma ħallasx il-VAT, nies li ddisassoċjaw ruħhom mir-rikorrent kienu jibqgħu ħbieb tiegħu, it-tfal tagħhom ma kinux jiġu ġġudikati, u r-rikorrent kien ikun fi stat fejn seta' jgawdi l-flus li ħadem

għalihom, minflok spiċċaw fis-sitwazzjoni li qegħdin fiha. Ix-xhud ippreżentat kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Angelo Zahra**'[5], tat-28 ta' Ottubru, 2015, kif ukoll kopja tal-kuntratt tal-15 ta' Lulju, 1993 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar[6], li permezz tiegħu Edgar u Richard, aħwa Borg, biegħu appartament lir-rikorrent fil-korp bini bl-isem 'Monte Rosa Flats', Triq is-Siġra, San Ġwann, limiti ta' San Ġiljan, liema appartament kien is-suġġett tat-trasferiment li wassal għad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Ottubru, 2015. Ix-xhud ippreżentat ukoll diversi dokumenti in sostenn ta' dak li xehdet dwaru, fosthom ċertifikati u noti ta' rilaxx mill-Isptar Royal Marsden ta' Londra[7], dokumenti marbuta mal-ordni ta' iffriżar fuq l-assi tar-rikorrent[8], kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) tat-18 ta' Diċembru, 2009 fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Angelo Zahra'** li permezz tagħha r-rikorrent ingħata sentenza ta' tlettax-il xahar priġunerija[9], kif ukoll għadd ta' dokumenti oħra marbuta mal-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tar-rikorrent wara li dan naqas milli jħallas it-taxxa tal-VAT dovuta minnu.

6. Ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-proċess li ġie rikostruwit, fir-rigward tal-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tiegħu, bħala evidenza tat-tul ta' żmien li ħadu dawn il-proċeduri.[10]

7. Waqt l-udjenza tal-11 ta' Ġunju, 2021, xehed quddiem il-Qorti l-**Ispettur Frank Anthony Tabone**[11], li qal li huwa kien ġie stazzjonat id-*Drug Squad* lejn l-aħħar ta' Frar jew il-bidu ta' Marzu 2016. Qal li l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent oriġinarjament kienu bdew fil-21 ta' Lulju, 2001, u dakinhar kienu

[5] *A fol.* 47 tal-proċess
[6] *A fol.* 49 tal-proċess
[7] *A fol.* 52 *et seq.* tal-proċess.
[8] *A fol.* 62 tal-proċess.
[9] *A fol.* 67 tal-proċess.
[10] *A fol.* 143 *et seq.* tal-proċess.
[11] *A fol.* 808 tal-proċess.

tressqu quddiem il-Qorti diversi persuni akkużati b'assoċjazzjoni jew traffikar ta' droga kokaina. Ix-xhud qal li meta huwa ħa f'idejh t-tmexxija tal-Prosekuzzjoni tal-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent, kien hemm talba da parti tal-Avukat Ġenerali sabiex il-persuni l-oħra akkużati flimkien mar-rikorrent jittellgħu jixhdu fil-proċeduri li saru kontra tiegħu. Qal li huwa ma setax itella' lil dawn il-persuni jixhdu għaliex il-kawżi tagħhom kienu għadhom pendenti, u meta l-kawżi ta' dawn il-persuni ġew fi tmiemhom, huwa qies li kien opportun li dawn jittellgħu jixhdu. Ix-xhud qal li l-provi tal-Prosekuzzjoni fil-konfront tar-rikorrent ingħalqu wara Ottubru tal-2019, u s-sentenza finali ngħatat fil-25 ta' Ġunju, 2020.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

8. Fil-21 ta' Lulju, 2001 ir-rikorrent ġie akkużat li fis-16 ta' Lulju, 2001 u fix-xhur ta' qabel, kien assoċja ruħhu ma' persuna jew persuni sabiex f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer tiġi ttraffikata d-droga kokaina, u dan kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi. Ir-rikorrent spjega li wara li l-proċeduri kriminali kontra tiegħu damu għaddejjin dsatax-il sena, huwa ġie lliberat minn kull akkuża. Ir-rikorrent spjega x'kien li wassal għad-dewmien biex dawn il-proċeduri ġew fi tmiemhom, fosthom il-fatt li nbidlu numru ta' maġistrati, kien hemm ħruq fis-sigrieta ta' wieħed mill-maġistrati li dak iż-żmien kien qiegħed jisma' l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent, kif ukoll kien hemm id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li jiġu prodotti l-persuni li kienu akkużati b'assoċjazzjoni mar-rikorrent bħala xhieda fil-proċeduri kontra tiegħu. Dan fisser li l-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent kellhom jistennew l-eżitu tal-proċeduri fil-konfront tal-akkużati l-oħra. Ir-rikorrent spjega li fl-2019, huwa għamel talba ukoll għal referenza

kostituzzjonali minħabba li l-proċedura adoperata mill-Prosekuzzjoni kienet qiegħda tikkawża dan id-dewmien, u sostna illi kienet din it-talba tiegħu għal referenza kostituzzjonali u d-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) li d-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kien qiegħed jiġi leż, li wasslu biex ftit wara l-Prosekuzzjoni kkonkludiet il-provi tagħha. Fil-fatt il-proċeduri kontra r-rikorrent ingħalqu madwar sena wara. Ir-rikorrent spjega li minkejja li huwa ġie lliberat mill-akkużi kriminali kollha li nġabu kontra tiegħu, tul il-perijodu ta' dsatax-il sena li matulhom kienu għaddejjin dawn il-proċeduri, huwa għadda minn diversi problemi, fosthom in-nuqqas ta' flus disponibbli, diffikultajiet biex ikun jista' jkompli bin-negozju tiegħu, kif ukoll problemi psikoloġiċi għaliex kien hemm diversi persuni li warrbuh anki soċjalment. Ir-rikorrent spjega li anki l-kundizzjonijiet tal-ħelsien tiegħu mill-arrest ġabu magħhom ċerti konsegwenzi, fosthom il-fatt li huwa kellu jiffirma l-għassa tal-Pulizija darba fil-ġimgħa, u l-fatt li huwa kellu jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kull darba li xtaq isiefer, anki jekk huwa kellu bżonn isiefer minħabba raġunijiet ta' saħħa.

9. Permezz tat-talbiet tiegħu lil din il-Qorti, ir-rikorrent talab li jiġi dikjarat li t-trapass ta' żmien li ħadu l-proċeduri kriminali fl-ismijiet **'Il-Pulizija *vs.* Angelo Zahra'**, li ġew deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fil-25 ta' Ġunju, 2020, kisru d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, kif sanċit fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Talab ukoll li jiġi ddikjarat li l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq safa leż meta huwa ma ngħatax il-jedd li jiġi interrogat fil-preżenza ta' avukat, kif ukoll talab lill-Qorti tindirizza dan il-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu billi tiffissa kumpens ġust.

10. L-Avukat Ġenerali min-naħa tiegħu ħa l-pożizzjoni li ladarba kien hemm referenza kostituzzjonali li ġiet deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta, dik is-sentenza llum hija *res judicata,* u għalhekk ir-rikorrent ma jistax jerġa' jipproponi l-istess ilment quddiem din il-Qorti. Mingħajr preġudizzju għal dan, l-intimat Avukat Ġenerali spjega li l-fatturi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess jilledix il-jedd fundamentali tal-individwu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, huma l-kumplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorità jew l-awtoritajiet rilevanti. L-Avukat Ġenerali qal li f'dan il-każ ma jidhirx li kien hemm nuqqasijiet lampanti da parti tal-partijiet fil-kawża, li wasslu biex il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent ma ġewx konklużi fi żmien raġonevoli, u żied jgħid li huwa aċċettat li m'hemm l-ebda *time-limit* li l-Qorti trid tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha, għaliex altrimenti l-interessi tal-ġustizzja jistgħu jiġu ppreġudikati b'għaġġla żejda u inkonsulta. L-Avukat Ġenerali sostna li biex it-talbiet tar-rikorrenti jiġu milqugħa, irid jiġi ppruvat li d-dewmien mhux biss kien wieħed kapriċċuż, iżda kien ukoll intiż biex jiżvantaġġja lir-rikorrent fit-tgawdija tal-jeddijiet tiegħu. L-intimat Avukat Ġenerali eċċepixxa wkoll li sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessitajiet tiegħu, u f'dan il-każ m'għandux jirriżulta li d-dewmien kien irraġonevoli. L-intimat Avukat Ġenerali qal ukoll li l-iffriżar tal-assi hija miżura tassattiva u temporanja li ssir fl-interess ġenerali sabiex min jagħmel il-ġid minn reat kriminali ma jkunx jista' jgawdi minn dik l-attività illeċita. B'riferiment għall-ilment tar-rikorrent li huwa safa ppreġudikat meta ma ngħatax il-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel ta l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija, l-intimat qal li l-fatt li r-rikorrent ġie lliberat mill-akkużi kollha kontrih hija prova suffiċjenti li huwa ma safax ippreġudikat bin-nuqqas ta' assistenza legali meta kien qiegħed jiġi interrogat.

*Dwar l-eċċezzjoni tar-res judicata*

11. Il-Qorti sejra tibda billi tagħmel riferiment għall-eċċezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali li l-lanjanza prinċipali tar-rikorrent, jiġifieri dik li huwa ġie mċaħħad mid-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, diġà ġiet deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta, wara r-referenza kostituzzjonali li kienet saret mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Dan wara li d-difiża tar-rikorrent kienet allegat li bil-mod kif kienet qegħda titmexxa l-kumpilazzjoni fil-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent, id-drittijiet tiegħu kif sanċiti fl-artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta kienu qegħdin jiġu, jew x'aktarx li ġew miksura. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 2019, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) iddeċidiet li kien inaċċettabbli għaliha li aktar minn tmintax-il sena wara l-arrest tar-rikorrent, il-Prosekuzzjoni kienet għadha m'għalqitx il-provi tagħha għaliex kienet qiegħda tistenna li tressaq xi xhieda. Il-Qorti ddeċidiet li għalhekk kien hemm ksur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, għalkemm il-Qorti qalet ukoll li f'dak l-istadju hija ma setgħet takkorda l-ebda kumpens lir-rikorrent għaliex kellha tiddeċiedi fil-parametri tat-talba li saritilha. Il-Qorti ordnat ukoll li l-atti jiġu rimessi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja sabiex jitkompla l-prosegwiment tal-proċeduri quddiemha, u issolleċitat lill-Prosekuzzjoni sabiex tikkonkludi l-provi tagħha, fid-dawl tad-deċiżjoni li sabet li kien hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent.

12. Il-Qorti hawn tagħmel riferiment għal xi punti li tqajmu fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Charles Cortis *vs***

**Francis X. Aquilina et**[12], fejn il-Qorti għamlet diversi osservazzjonijiet dwar l-elementi li jridu jiġu sodisfatti sabiex l-eċċezzjoni tal-ġudikat tkun tista' tintlaqa':

> *"Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett* (eadem res)*, l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu* (eadem causa petendi)*. Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess* (nisi omnia concurrunt, alia res est);
>
> ...
>
> *Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala s-sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibilità ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat;*
>
> *Illi minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn Qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tkun ta' interpretazzjoni dejqa, tant li, f'każ ta' dubju, il-ġudikant għandu jaqra kontra dik l-eċċezzjoni (fn. 12 Ara, per eżempju, App. Ċiv.* ***5.10.1998*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***J. Camilleri vs L. Mallia*** *(Kollez. Vol.* ***LXXXII.ii.305****) u s-sentenzi hemm imsemmija).*
>
> *Illi, min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwestjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbbli jekk, wara i tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata; jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil dik is-sentenza. (fn. 13 Ara P.A.,* ***11.3.1949*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Cassar Parnis vs Soler*** *(Kollez. Vol.* ***XXXIII.ii.344****) Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża jkun diġà jeżisti fil-waqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża (fn. 14 P.A. GV* ***27.6.1995*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***A.P. Farrugia noe vs T. Borg Reveille et*** *(mhix ippubblikata)."*

13. Il-Qorti tirrileva li l-proċeduri odjerni huma proċeduri kostituzzjonali *ad hoc* li nbdew mir-rikorrent wara li ġew fi tmiemhom il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, u wara li huwa ġie lliberat minn kull akkuża. Il-Qorti tqis li

[12] 25.09.2003.

minkejja li l-bażi tal-azzjoni odjerna huwa l-fatt li r-rikorrent dam dsatax-il sena jistenna biex jiġu konklużi l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, liema tul ta' żmien diġà ġie deċiż li ma kienx wieħed raġonevoli, fil-proċeduri odjerni r-rikorrent qiegħed jilmenta mhux tant mid-dewmien, iżda mill-konsegwenzi ta' tali dewmien, kif ukoll mill-fatt li dan id-dewmien ħalla impatt negattiv kbir fuq ħajtu, fuq il-mod kif huwa seta' jew ma setax imexxi n-negozju tiegħu, fuq il-ħajja tal-familjari tiegħu, fuq il-finanzi tiegħu, u fuq saħħtu. Fir-referenza kostituzzjonali, il-Qorti ntalbet tiddeċiedi li r-rikorrent ma kienx qiegħed jiġi pproċessat fi żmien raġonevoli, għaliex wara tmintax-il sena ta' proċeduri, il-provi tal-Prosekuzzjoni fil-konfront tiegħu kienu għadhom ma ġewx magħluqa. Mentri fil-kawża odjerna r-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti tiddeċiedi dwar il-proċeduri kriminali li tmexxew fil-konfront tiegħu fit-totalità tagħhom, u wara li ngħalqu, ir-rikorrent ġie lliberat u spiċċa f'sitwazzjoni fejn wara dsatax-il sena ta' proċeduri ġudizzjarji jrid jara kif ser ikompli b'ħajtu fejn ħalla qabel ma għadda mill-proċess kriminali. Il-Qorti fehmet li huwa fir-rigward tal-konsegwenzi ta' dan id-dewmien li r-rikorrent istitwixxa l-proċeduri kostituzzjonali odjerni, apparti li f'dawn il-proċeduri r-rikorrent qiegħed jilmenta wkoll mill-fatt li huwa ma ngħatax id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tiegħu qabel ta l-istqarrija lill-Pulizija waqt li kien qiegħed jiġi investigat. Il-Qorti tqis li dawn il-proċeduri għandhom kawżali differenti mill-kawżali li ngħatat deċiżjoni dwarhom fir-referenza kostituzzjonali, u għalhekk huwa nieqes l-element tal-*eadem causa petendi*. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ser tkompli tisma' l-proċeduri kostituzzjonali odjerni mibdija mir-rikorrent, għaliex ma jirriżultax li t-talbiet li qiegħed jagħmel fil-proċeduri kostituzzjonali odjerni diġà għaddew in ġudikat.

*Ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq*

14. L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi:

> "(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."

15. L-artikolu 6 li jaqa' taħt it-Tieni Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi illi:

> "(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri ... .".
>
> (2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix ippruvat ħati skont il-liġi.
>
> (3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:
>
> (a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;
> (b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;
> (ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;
> (d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;
> (e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti."

16. L-intimat Avukat Ġenerali eċċepixxa li sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' kawża eċċedietx il-parametri tas-smigħ fi żmien ragonevoli, wieħed irid jeżamina l-kumplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorità jew tal-awtoritajiet rilevanti.

17. Il-Qorti Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [minn issa 'il quddiem 'Il-Qorti Ewropea'] tqis illi għar-rigward ta' proċeduri kriminali, l-għan tal-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni Ewropea, li permezz tiegħu l-akkużat għandu dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, huwa li jiġi żgurat li persuni akkużati ma jkollhomx għalfejn jibqgħu taħt akkuża għal żmien twil iż-żejjed, u li l-akkuża tiġi determinata.[13] Meta tiġi biex tiddeċiedi jekk it-tul ta' żmien tal-proċeduri kriminali kienx wieħed raġonevoli, il-Qorti trid tikkunsidra fatturi bħall-kumplessità tal-każ, l-imġiba tal-akkużat u l-imġiba tal-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji.[14] Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Milasi *v.* L-Italja**[15], il-Qorti Ewropea qieset li 9 snin u 7 xhur ma kienux żmien raġonevoli fi proċeduri kriminali mingħajr ebda komplessità partikolari ħlief għan-numru ta' akkużati involuti (35), minkejja l-miżuri li ttieħdu mill-awtoritajiet biex jilqgħu għall-*workload* eċċezzjonali li kellhom il-qrati wara perijodu ta' irvellijiet. Barra minn hekk l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni Ewropea jimponi fuq l-Istati Kontraenti l-obbligu lil jorganizzaw is-sistemi ġudizzjarji tagħhom b'tali mod li l-qrati tagħhom ikunu jistgħu jissodisfaw kull wieħed mir-rekwiżiti ta' dan l-artikolu.[16]

18. Il-Qorti hija tal-fehma li l-akkużi miġjuba fil-konfront tar-rikorrent fin-natura tagħhom ma kinux kumplessi, u ċertament li l-Prosekuzzjoni ma kinitx teħtieġ dsatax-il sena sabiex tressaq il-każ tagħha. Huwa minnu li f'dan il-każ kien hemm persuni li ġew akkużati bl-istess reat flimkien mar-rikorrent u li l-każ tagħhom instema' separatament, li ntalbu jixhdu fil-proċeduri kriminali kontra

[13] Wemhoff v. Germany, § 18; Kart v. Turkey [GC], § 68.
[14] König v. Germany, § 99; Neumeister v. Austria, § 21; Ringeisen v. Austria, § 110; Pélissier and Sassi v. France [GC], § 67; Pedersen and Baadsgaard v. Denmark, § 45; Chiarello v. Germany, § 45; Liblik and Others v. Estonia, § 91).
[15] §§ 14-20.
[16] Abdoella v. the Netherlands, § 24; Dobbertin v. France, § 44.

r-rikorrent, iżda xejn ma jiġġustifika dewmien ta' dsatax-il sena biex issir ġustizzja, għaliex kif ġie argumentat waqt dawn il-proċeduri, iż-żmien, is-serħan il-moħħ u l-opportunitajiet li tilef ir-rikorrent minħabba l-akkużi li kellu jiffaċċja għal dsatax-il sena sħaħ, ħadd mhu se jroddhomlu lura. Minn dak li tista' tikkonstata l-Qorti, lanqas ma jirriżulta li f'dan il-każ ir-rikorrent jista' jinżamm responsabbli ta' xi nuqqas li dewwem il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Huwa minnu li kien hemm drabi meta dan naqas milli jidher quddiem il-Qorti, iżda mill-provi jirriżulta li filwaqt li r-rikorrent naqas milli jidher għal disa' seduti fi dsatax-il sena, kien hemm ferm aktar seduti li matulhom jew ma sar xejn, u dan fi żmien meta l-Prosekuzzjoni kienet qiegħda ttella' l-provi tagħha, jew inkella l-uffiċjali tal-Prosekuzzjoni naqsu milli jidhru quddiem il-Qorti. Kien hemm żmien ukoll meta l-proċeduri kienu weqfin minħabba li l-proċess kellu jiġi rikostruwit, u ċertament li għad-dewmien f'dan ir-rigward m'għandux iwieġeb ir-rikorrent. Il-Qorti tosserva wkoll li minkejja li l-Prosekuzzjoni ppruvat tiġġustifika d-dewmien ikkawżat minn deċiżjonijiet li ttieħdu dwar kif għandhom jitmexxew il-proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tar-rikorrent, wara li ngħatat id-deċiżjoni fir-referenza kostituzzjonali li kienet saret, il-Prosekuzzjoni sabet mezz kif għalqet il-provi tagħha fi ftit xhur, tant hu hekk li d-deċiżjoni fil-konfront tar-rikorrent ingħatat ftit aktar minn sena wara. Il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt li wara d-deċiżjoni li ngħatat mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) li l-mod kif kienu qegħdin jitmexxew il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent kien leżiv tal-jedd tiegħu għal smigħ fi żmien raġonevoli, il-Prosekuzzjoni kienet kapaċi tikkonkludi l-każ tagħha fil-konfront tar-rikorrent f'qasir żmien. Huwa minnu li kif jeċċepixxi l-intimat Avukat Ġenerali m'hemm l-ebda *time-limit* u m'għandu jkun hemm l-ebda limitu bħal dan, għaliex l-impożizzjoni ta' terminu li fih għandhom jiġu konklużi proċeduri kriminali fil-konfront ta' xi ħadd, ċertament iwassal għal għaġġla żejda u inkonsulta, iżda

ċertament perijodu ta’ dsatax-il sena biex jintemmu proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tar-rikorrent, huwa perijodu ta’ żmien twil iż-żejjed u mhux wieħed raġonevoli. Il-Qorti tirrileva li ma kinux biss il-proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tar-rikorrent li wasslu għal-leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, iżda l-konsegwenzi kollha li ġabu magħhom dawn il-proċeduri. Dsatax-il sena f’ħajja ta’ bniedem, huma perijodu twil ħafna ta’ żmien. Ir-rikorrent f’dawn il-proċeduri qiegħed jillamenta mill-fatt illi li kieku ma kellux jiffaċċja sanzjonijiet oħra sakemm ġew fi tmiemhom il-proċeduri ġudizzarji fil-konfront tiegħu, huwa kien seta’ jkompli jgħix ħajtu bil-mod kif kien imdorri jgħix, seta’ jkompli bin-negozju, seta’ jkollu aċċess għal flusu u għall-kura li kien jeħtieġ, seta’ jkollu s-serħan il-moħħ. Minflok huwa ġie assoġġettat għal dsatax-il sena ta’ limbu legali, ta’ inċertezza u ta’ tbatija kemm finanzjarja kif ukoll psikoloġika.

19. Il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonsidra l-leżjoni l-oħra li qiegħed jilmenta minnha r-rikorrent minħabba li meta huwa ġie interrogat mill-Pulizija, huwa ma kienx assistit minn avukat tal-għażla tiegħu. Huwa fatt magħruf li l-liġi ma tipprovdi l-ebda dritt fundamentali ta’ assistenza legali waqt l-interrogatorju, iżda tipprovdi għall-jedd għal smigħ xieraq meta persuna tkun akkużata b’reat kriminali. Huma l-proċedimenti kollha li jittieħdu fil-konfront tal-individwu li jridu jiġu eżaminati sabiex jiġi determinat jekk l-individwu jkunx ingħata smigħ xieraq jew le fil-prattika. F’dan il-każ il-Qorti diġà stabbiliet li d-dewmien inordnat ta’ dsatax-il sena biex ġew fi tmiemhom il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent, kienu leżivi tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Il-Qorti tirrileva wkoll li f’dan il-każ, il-fatt li fi tmiem il-proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tar-rikorrent instab li dan għandu jiġi lliberat mill-akkużi kollha li tressqu fil-konfront tiegħu, għandu jfisser li n-nuqqas ta’ assistenza

legali fl-istadju meta r-rikorrent kien qiegħed jiġi interrogat, bl-ebda mod ma ppreġudika l-każ tiegħu.

20. Ir-rikorrent qiegħed jitlob kumpens xieraq bħala rimedju għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Il-Qorti tirrileva li l-għoti ta' kumpens f'kawżi bħal din huwa wieħed fakultattiv, in kwantu hemm ċirkostanzi fejn id-dikjarazzjoni li seħħet vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali tal-individwu waħedha tista' titqies bħala rimedju suffiċjenti. Iżda hemm każijiet fejn il-Qorti tqis li jkun xieraq li persuna li sofriet leżjonijiet tal-jeddijiet fundamentali tagħha għandha tingħata xi forma ta' kumpens. Hawn isir riferiment għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Gasan Enterprises Limited *vs.* Awtorità tal-Ippjanar** tat-3 ta' Frar, 2009:

> "Kawża kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fondamentali m'għandhiex tiġi konvertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skont l-artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjetà in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża."

21. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Raymond Urry et *vs.* Avukat Ġenerali** tas-27 ta' Frar, 2015, il-Qorti Kostituzzjonali elenkat għadd ta' kriterji u fatturi li hija kkonsidrat qabel iffissat il-kumpens li fil-fehma tagħha kellu jitħallas lir-rikorrent:

> "a. Id-dewmien inordinatament twil u eċċessiv; b. In-natura kriminali tal-proċeduri relevanti; ċ. Il-grad ta' stat ta' inċertezza, frustrazzjoni, u ansjetà li d-dewmien neċessarjament iġġenera f'persuna akkużata; d. In-nuqqas tar-rikorrenti appellanti li jintraprendu xi inizjattiva biex jissolleċitaw speditezza fl-andament tal-kawża tagħhom; e. Il-kontribut tar-rikorrenti appellanti għad-dewmien tal-proċeduri."

22. Il-Qorti qieset li fil-każ odjern ġie ppruvat li wara dsatax-il sena ta' proċeduri ġudizzjarji, li prattikament tmintax-il sena minnhom intużaw mill-Prosekuzzjoni sabiex din ikkonkludiet il-provi tagħha, ġie deċiż li r-rikorrent kellu jinħeles minn kull akkuża li tressqet fil-konfront tiegħu. M'hemmx dubju li minkejja li llum ir-rikorrent huwa bniedem liberu, is-saga ta' dsatax-il sena ta' proċeduri kriminali, wasslet biex huwa għadda minn ħafna tbatija, ansjetà, inċertezza, it-telf ta' kull ħaġa li kien ħadem għaliha, kif ukoll wasslet biex huwa għadda minn problemi ta' saħħa li ma setax jieħu kura għalihom fil-ħin għaliex ma kellux mezzi finanzjarji disponibbli biex jagħmel dan. Illum ir-rikorrent huwa bniedem ta' kważi tnejn u sebgħin sena u b'xi mod irid ikompli għaddej b'ħajtu wara li għall-aħħar dsatax-il sena huwa kien kostrett jibdel l-istil ta' ħajja tiegħu, il-mod kif jagħmel in-negozju, l-istil ta' għajxien tal-familja tiegħu, u jirregola kull moviment f'ħajtu b'rikorsi u b'talbiet lill-Qrati biex ikun awtorizzat imqar jikkonkludi bejgħ ta' proprjetà li kien ilu li akkwista minn ferm qabel inbdew il-proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tiegħu. Dan meta r-rikorrent ma nstab ħati tal-ebda waħda mill-akkużi li tressqu fil-konfront tiegħu. Hija l-fehma tal-Qorti li f'dan il-każ għandu jkun jitħallas kumpens lir-rikorrent fis-somma ta' dsatax-il elf Euro (€19,000) bħala danni morali, liema kumpens għandu jitħallas lir-rikorrent mill-intimat.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li ġew miksura l-jeddijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċiti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u f'dan ir-rigward qiegħda tordna lill-intimat Avukat**

**Ġenerali jħallas lir-rikorrent kumpens ta' dsatax -il elf Euro (€19,000), u dan fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mill-Avukat Ġenerali.**

**Il-Qorti tordna wkoll lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex f'każ li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-Onor. *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati kif stabbilit fl-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**